MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 436/2002

**Rikors numru 436/02DM**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

**Simon Spiteri**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm2666) rapprezentanti import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjali, wahda ta' Lm66 (bilanc) u ghoxrin ta' Lm130 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 2000 sa Lulju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, u li gew annessi bhala

dokumenti numri minn 1 sa 21 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-1 ta’ Lulju 2002 jammontaw ghal Lm185, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti wara li rat ukoll l-kambjalijiet originali qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz is-somma mitluba ta’ elfejn sitt mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm2666) oltre is-somma ta’ Lm185 (mija hamsa u tmenin lira Maltin) bl-imghaxijiet skaduti sa l-1 ta’ Lulju 2002 bl-imghaxijiet ulterjuri mit-2 ta’ Lulju 2002 kontra l-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.